

*Francis Mizzi jġorr l-istandard tal-fratellanza tas-Sagrissimu Sagrament fil-festa ta' San Anard tal-1960. Ritratt meħud mill-ħabib tiegħu l-antropologu Jeremy Boissevain*

# Francis Mizzi l-Edukatur
# (1933 – 2015)

**Mary Rose Mizzi**

*Fl-apprezzament li sena ilu għamilna lil Jeremy Boissevain konna aċċennajna dwar it-telfa ta' Francis Mizzi, magħruf fostna bħala Ċikku Mizzi jew is-Sur Mizzi għal dawk li jiftakruh jgħallimhom l-iskola. Fost il-kontribut kbir li ta lil Ħal Kirkop Ċikku ser jibqa' mfakkar l-aktar għall-irwol tiegħu bħala edukatur. Ħsibna li dan hu żmien opportun li nagħmlu apprezzament mistħoqq billi nistiednu lil martu, Mary Rose Mizzi tirrakkontalna ftit dwaru. Żgur li ħadd ma jaf lil Ċikku daqsha, propju għaliex minbarra r-rabta tagħhom fiż-żwieġ, Mrs Mizzi kienet tgħallem miegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Kirkop bejn l-1955 u l-1964. Ħtafna l-okkażjoni u tlabna lil Mary Rose taqsam magħna ftit mir-riċerka li għamlet dwar l-iskola primarja ta' Ħal Kirkop, dan permezz ta' introduzzjoni aktar wiesgħa fuq l-edukazzjoni formali Koppija li bħal skejjel oħra fl-irħula daħlu fil-bidu tas-seklu għoxrin.*

**Skola Primarja Kirkop**

L-ewwel tagħrif li sibna jmur lura għall-10 t'April 1929 meta l-iskola kienet tinsab fin-Nru 5, Triq Valletta. Is-sinjura ta' dak iż-żmien kienet Giovanna Zammit u l-unika għalliema magħha kienet Ġużeppa Ellul. F'Settembru tal-1920 Giovanna Zammit kienet ġiet trasferita għall-Imqabba u M'Carm Grech u Francesca Mallia ġew bħala għalliema waqt li Ġużeppa Ellul kellha t-tmexxija tal-iskola. F'dawn is-snin l-iskola kienet tiftaħ mis-siegħa u nofs ta' waranofsinhar sat-tlieta. Mit-tlieta sal-ħamsa kien isir tagħlim ta' *handcraft u needlework.*

Fis-sena 1930, għoxrin tifel u tifla kienu jattendu u fl-1931 żdiedu sitt student oħra. L-iskola kellha wisgħa għal tletin student. Kienu jitgħallmu l-Ingliż u t-Taljan, dan tal-aħħar ma kienx favorit man-nies. Fl-1932, wara l-mewt tal-Ministru tal-Edukazzjoni Mons. Dandria l-iskola baqgħet magħluqa għal jumejn.

Fl-1936, Vincenza Buhagiar ħadet f'idejha t-tmexxija tal-iskola u fl-1937 is-Sur Joseph Galea kien ġie impjegat bħala għalliem ta' din l-iskola.

Fl-1938 l-iskola kienet tiftaħ mis-sebgħa u nofs sal-ħdax u kwart. Fl-1941 l-iskola għalqet għal xahar minħabba l-Gwerra, u fid-29 ta' Diċembru l-iskola ġarbet ħsarat estensivi waqt ħbit mill-ajru. Il-Kappillan offra l-Kappella tal-Lunzjata bħala skola u kamra mid-dar tiegħu li kienet quddiem il-post fejn kien hemm il-każin tal-futbol. F'Marzu tal-1942 il-popolazzjoni skolastika kienet naqset drastikament, dan minħabba l-fatt li kienu diversi dawk li sfaw sfrattati mingħajr dar. Fit-23 ta' Marzu ħadd m'attenda għall-iskola, dan minħabba *air-raid* li dam għaddej disa' sigħat u ħamsa u għoxrin minuta. Fl-attakki qalila t'April 1942 il-Kappella

tal-Lunzjata sfat mira tal-attakki mill-ajru.

Sa Jannar tal-1945, it-tfal li kienu jattendu l-iskola setgħu isegwu l-lezzjonijiet mill-post numru 14, il-post fejn illum hemm il-Każin ta' San Anard. F'Marzu żaru l-iskola l-gvernatur flimkien ma' martu. Sal-1951 it-tfal li jattendu l-iskola kienu telgħu għal 130. Żjara oħra mill-Gvernatur, din id-darba Gerald Creasy, saret fl-14 ta' Novembru 1952. F'dan il-perjodu t-tfal kienu jattendu skola sal-eta ta' erbgħatax u setgħu jipproċedu sa *Year 3*.

F'dan iż-żmien kienu bdew jaħsbu biex tinbena skola ġdida u fit-12 ta' Novembru 1954, it-tfal kollha daħlu fl-iskola l-ġdida fi Triq San Benedittu. Din l-iskola ġiet uffiċċjalment inawgurata mill-Ministru tal-Edukazzjoni. Il-kappella ġiet imbierka minn Mons. Mikiel Azzopardi u ddedikata lil Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Mons. Mikiel Gonzi bierek ukoll l-iskola.

Is-surmast ta' dak iż-żmien kien Mr Caruana minn Ħal Lija. Wara s-sur Caruana kien hemm is-Sur Lanzon, Mr Sciberras, Mr Debono, Mr Desira, Fr Abdilla, Mr Zammit, Mr Fenech, Mr Borg u Mr Galea.

Fl-1996 inbena sular ieħor sabiex jipprovdi għal aktar klassijiet u faċilitajiet oħra għat-tfal tal-lokal li kienu żdiedu ġmielhom. Fl-2002 saret ukoll estensjoni fiż-żona rikreattiva fi ħdan l-iskola.

Ta' min isemmi u jsellem lil diversi għalliema koppin li għallmu matul dan iż-żmien fl-iskola l-ġdida u li llum m'għadhomx magħna,



***Tfal tal-iskola primarja miġbura fuq il-bejt tad-dar tal-Kappillan f'Misraħ Kirkop meta karma minnha kienet tintuża bħala skola fi żmien il-Gwerra (ritratt Angelo Spiteri)***



***L-għalliem Ġużeppi Zerafa qiegħed jippreżenta ritratt li hu stess penġa lill-Gvernatur Sir Gerald Creasy b'ringrazzjament taż-żjara li dan għamel fl-14 ta' Novembru 1952. Apparti Lady Creasy u l-għalliema Dun Nard farrugia u Angelo (Ġulin) Spiteri, jidher ukoll iż-żagħżugħ Francis Mizzi fuq il-lemin (ritratt Angelo Spiteri)***



***Maġenb il-gaffa nsibu lill-għalliem Angelo Spiteri flimkien mal-periti u uffiċjali pubbliċi involuti fil-bini tal-iskola l-ġdida (ritratt Angelo Spiteri)***


*L-inawgurazzjoni tal-iskola primarja fl-1954*


*L-iskola primarja San Benedittu ftit wara li tlestiet (ritratt Joe Agius)*


*L-assembly ġewwa l-bitħa tal-iskola lejn nofs is-seklu għoxrin*

fosthom Ġulin Spiteri, Dun Nard Farrugia, Beneditt Farrugia u żewġi Francis Mizzi li miet fil-15 ta' Frar 2015 u li għalih nixtieq niddedika din il-kitba b'għożża kbira għal kemm kellu għal qalbu l-edukazzjoni tat-tfal kollha.

**Francis Mizzi – Edukatur (1933 – 2015)**

Francis Mizzi twieled fir-raħal ta' Ħal kirkop fis-17 ta' Ġunju 1933. Tilef lil missieru Leonardu meta kellu biss 4 snin. Minn hemm bdiet il-ħajja iebsa tal-familja Mizzi, b'ommu Kolina trid tieħu ħsieb ir-raba, il-bhejjem u erbat itfal – Liena, Antoine, Ċikku u Maria.

Ċikku beda jmur l-iskola ta' Ħal Kirkop li kienet fi Triq Valletta. Wara ftit żmien din ġiet trasferita f'dar fejn illum hemm is-sede tal-Għaqda Mużikali San Leonardu, imbagħad fid-dar tal-kappillan li kienet tinsab quddiem fejn kien hemm il-każin tal-futbol.

Ċikku mill-ewwel deher li jħobb l-iskola u ommu ħadet il-parir ta' waħda mara li xtaqet il-ġid lil din il-familja u b'sagrifiċċji kbar beda jmur l-iskola tal-Freres tal-Gżira sal-1951. Dik is-sena



*Francis Mizzi flimekin mal-għalliema tal-iskola primarja fosthom Mary Rose Mizzi, Beneditt Farrugia, Dun Nard Farrugia u Ġulin Spiteri (ritratt Angelo Spiteri)*



*Bilwieqfa mix-xellug: Joseph Theuma (Peanuts), Leonard Caruana (Ta' Diemu), Francis Mizzi, Victor Spiteri (Tax-Xuxaj), Leonard Scicluna (Tan-Noqq), Joe Sciberras Headmaster.*
*Bilqiegħda mix-xellug: Victor Agius, Leonard Attard (tal-Kolla), Remigio Callus (ta' Tunis), Leonard Busuttil (ta' Marikarm).*
*Kokka mix-xellug: Leonard Grech (tal-Fixxa), (?) Attard*





*L-iskola ma' Mr Mizzi (ritratti Mary Rose Mizzi)*



*Francis Mizzi kien jieħu ħsieb li minn fost is-subien li kien jgħallem kien jgħaqqad team tal-football sabiex jilagħbu kontra tfal oħrajn minn skejjel fil-viċin. F'dan ir ritratt naraw bilwieqfa mix-xellug lil Mr Vella (miż-Żurrieq), Ċali Camilleri, Leonard Cassar, Remigio Spiteri, Carmel Farrugia, Frans Attard, Nettu Balzan, Salvinu Caruana, Francis Mizzi; fuq quddiem mix-xellug, Nardinu Farrugia, Joe Grech, Karmenu Farrugia, Frans Zammit u Jimmy Balzan (ritratt Leonard Cassar)*

stess beda jgħallem f'De La Salle, Bormla. Hemm dam sentejn u fis-sena 1953 għallem sena fl-iskola tal-Gudja. Minn hemm daħal il-kulleġġ tal-Għalliema *St.Michael's* f'San Ġiljan fejn iggradwa bħala għalliem.

Mill-1955 sal-1970 għallem fl-iskola primarja ta' Ħal Kirkop. Kien jgħallem is-subien u jippreparahom għad-dħul fi skejjel tal-liceo jew tekniċi. Lit-tfal kien iħobbhom b'mod individwali. Għalih kull tifel kellu x'joffri u jekk ma kienx jirnexxi bħala skola kien jgħinu jiffoka fuq xi sengħa. Kien jinkorraġġihom u jsegwihom fit-triq li jagħżlu. Fil-fatt wara snin kien jiltaqa' ma wħud mill-istudenti u jieħu pjaċir jisma' minn għandhom kif irnexxew fil-karriera li kienu qabdu u kif kienu sejrin.

L-istudenti tar-raħal li għaddew minn taħt idejh kienu jaraw fih ħabib sinċier. Kien iħobb ukoll jilgħab il-ballun u fforma timijiet fl-iskola biex jilgħabu kontra skejjel oħra.

Ċikku għallem ukoll f'diversi skejjel sekondarji tal-bniet bis-suġġetti favorit tiegħu jkun ir-reliġjon, il-malti u l-istudji soċjali. Kien għalliem iż-Żurrieq, il-Qrendi, iż-Żejtun u għalaq il-karriera tiegħu fil-Junior Lyceum Maria Regina fi Blata l-Bajda.

Hu minn dejjem ħabb u għen l-istudenti kollha u aktar milli għalliem kienu jqisuh bħala ħabib. Qatt ma naqsu l-pariri siewja li kien jagħtihom. Għaddew mijiet ta' studenti minn taħt idejh li baqgħu sal-ġurnata tal-lum jiftakkru t-tagħlim, it-tbissima u l-ħsibijiet kollha li kien jaqsam magħhom.

Is-Sur Mizzi, kif kienu jafuh, żgur li jibqa' fil-qalb ta' kull min kien jafu minħabba s-sempliċità, u s-sinċerità tiegħu.